**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Bonello**
**V**

**CARMELO SCICLUNA**
**PAUL BONAVIA**

**Illum 2 ta' Novembru, 2001,**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati **CARMELO SCICLUNA** ta' tmienja w tletin sena, bin Felix u Carmela nee Buhagiar, imwieled Haz Zabbar fl-erbatax ta' April, 1961 u joqghod "Ave Maria Grazia", Triq l-Iskola, Zabbar, detentur tal-karta tal-identita numru 302161M u **PAUL BONAVIA** ta' tnejn u tletin sena, bin Dominic u Carmela nee Degabriele, imwieled Sliema nhar t-tletin ta' April, 1967 u joqghod "Xantia", Sqaq il-Qtates, B'Kara, detentur ta' karta tal-identita` numru 230667(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli fis-sittax ta' April, 1997 ghall-habta tat-tmienja ta' filghodu, f'Hal Tarxien, b'nuqqas ta'

hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghhom, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti kkagunaw il-mewt ta' John Mary Azzopardi minn Hal Tarxien.

Il-Qorti rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali datati hamsa ta' Settembru, 2000 esibiti a fol 124 tal-atti fejn l-istess Avukat Generali deherlu li mill-kumpilazzjoni in kwstjoni tista tinsab htija (jew htijiet) taht l-artikoli 225, 20 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputati kif registrat fl-atti nhar l-hamsa ta' Ottubru, 2000 a fol 132 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet x-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, lill-imputati jixhdu minn jeddhom b'mod volunarju u l-provi tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti hija tal-fehma li qabel ma tidhol u tispjiega l-fatti tal-kaz ghandha l-ewwel tispjiega l-konsiderazzjonijiet ta' dritt involut u cioe n-natura u l-elementi tar-reat ta' omicidju nvoluntarju kif previst mill-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, gia l-artikolu 239 fl-edizzjoni tal-1942 ta' dak il-Kodici.

Hawnhekk il-Qorti tibda billi taghmel referenza ghal dak li gie sottomess mill-kompjant Imhallef Joseph Flores fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbgha ta' Frar, 1961*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Perit Louis Portelli.** Huwa kien esprima ruhu b'dan il-mod ghar-rigward dan r-reat:

> "*Huwa mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involuntarju skond l-artikolu 239 tal-Kodici Penali, illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti - konsistenti <u>generikament</u> f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), traskuragni (negligenza) jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti <u>specifikatament</u> f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti - li tkun segwita b'nezz ta' kawzalita, minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess illi*

*ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-bonus pater familias, dik il-kondotta, cioe illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali; kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret.*" (**Kollez. Deciz. Vol XLV. Iv. 870, 903, emfasi ta' din il-Qorti**).

F'dan r-rigward, ***il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Marzu, 1996*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Richard Grech** espremiet ruhha bis-segwenti:

"*Kif jispjiega l-gurista taljan Francesco Antolisei, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wiehed irid jzomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita diretta ghal xi fini partikolari tista taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza*

*komuni jew l-esperjenza teknika - cioe l-esperjenza komuni ghal bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita partikolari - tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu pregudikati.*

*"Sorgono per tal modo" jkompli dan l-awtur, "delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi sociali, come, per esempio, quello per cui il possessore di un' arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possibile, conseguenze nocive per i terzi... Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'inosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato:*

*tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche nel reato doloso il giudice rimprovera all reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasino puo' muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi* ." (**Antolisei**, **F. - *Manuale di Diritto Penale - Parte Generale - Giuffre' (Milano) 1989- pp. 322-323***)

Din il-Qorti taqbel perfettament ma din l-esposizzjoni kif anke mfissra fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta w ghoxrin ta' Marzu, 1998*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Tarcisio Fenech.** F'din is-sentenza gie ritenut li :

"*In fatti l-artikolu 225 tal-Kodici Kriiminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza*

*komuni jew teknika bil-kliem "nuqqas ta' hsieb" "traskuragni" u "nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni", filwaqt li dawk r-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma ndikati bil-kliem "nuqqas ta' tharis tar-regolamenti". Hu appena necessarju jinghad li 'b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti', il-legislatur mhux qed jirreferi biss ghal legislazzjoni sussidjarja (li tigi fis-sehh permezz ta' avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet ecc.) izda ghal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita, u ghalhekk qed jirreferi wkoll ghal dawk r-regolamenti promulgati minn enti privati (per ezempju r-regolamenti nfassla minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull minn jahdem jew jidhol f'dik il-fabbrika). Infatti kemm fil-**Codice Zandarelli** kif wkoll fil-**Codice Rocco**, l-espressjoni wzata hi "inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline*".

Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke fil-kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew imperizja. In-nuqqas

ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita ghat-tharis ta' terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza, il-ghaliex huwa certament imprudenti jew negligenti mhux biss minn jittraskura li jiehu dawk l-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarja tal-hajja, izda wkoll minn jittraskura li josserva dawk il-prekawzjoniijiet <u>specifikatament</u> preskritti minn xi awtorita.

**Fis-sentenza fuq citata u cioe Il-Pulizija v Tarcisio Fenech, dik il-Qorti kompliet hekk :**

> "*Kif jispjiega l-gurista Franceso Carfora (Digesto Italiano - Vol 7, parte 2, v. Colpa [materia penale], Diritto Vigente, p. 775), jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragjonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hija n-negazzjoni ta' din il-virtu, tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certa non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif wkoll*

*materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero, il-hsara tkun <u>prevedibbli</u> ghalkemm <u>mhux prevista</u>: kieku kienet wkoll prevista, wiehed tikun qieghed fil-kamp doluz bl-applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni posittiva indiretta.*"

Rigward il-kwistjoni ta' "*foreseeability and objectivity*" din il-Qorti taghmel referenza ghal ktieb **The Modern law of Negligence** ta' ***Brickley*** partikolarment ghat-tieni kapitolu imsemmi *Evaluation of Conduct* {*fol 24}* fejn gie rappurtat li **Lord Macmillan** fil-kawza ***Glasgow Corp. vs Muir [1943] AC 448 at 457***, stqarr li :

"*The standard of foresight of the reasonable man is ... an impersonal one. It eliminates the personal equation and is independent of the idiosyncrasies of the particular person whose conduct is in question…*"

**Lord Jenkins** fil-kawza ***Wells v Cooper [1958] 2QB at 271*** jkompli jzid:

> "*The degree of care and skill required of him must be measured not by reference to the degree of competence in such matters which he personally happened to possess, but by reference to the degree of care and skill which a reasonably competent person might be expected to apply to the work in question.*"

L-awtur **Richard Brickley** dwar il-kuncett ta' *reasonable forseeability* jghid li :

> "*The concept of reasonable foreseeability does not mean that liability will be imposed whenever it might conceivably have crossed the mind of a normal person that the occurance of damage was a possibility. The law takes into account the degree of probability. The actual degree of probability required is not fixed but necessity varies from case to case.*"

Din il-kwistjoni ggibna ghal punt dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kazi.

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Leonard Grech** deciza mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Settembru, 1990*** dan il-punt gie trattat fid-dettal il-Qorti ddecidiet li fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza citata t-trepied tal-colpa gie definit bhala;

a. la volontarieta dell'atto;

b. la mancata previsione dell'effetto nocivo; u

c. la possibiita di prevenire.

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova li John Mary Azzopardi miet bhala rizultat ta' traskuragni u negligenza u non-osservanza ta' regolamenti da parti tal-imputati.

Il-Prosekuzzjoni qed tallega li nhar s-sbatax ta' April, 1997, ghall-habta tat-tmienja w ghaxra ta' filghodu, il-Pulizija giet nfurmata li fi Triq il-Kbira, Hal Tarxien, kien hemm persuna li kien waqa xi gebel fuqha u kawza ta' dan kienet mitluqa fl-art f'ghadira demm, mitlufa minn sensiha. Illi minn indagini li ghamlet rrizulta li l-persuna kien John Mary Azzopardi ta' 13, Triq il-Kbira, Hal Tarxien.

Illi appena wasal l-isptar dan John Mary Azzopardi, miet. Illi rrizulta li waqt li l-imputat Carmelo Scicluna kien qed isuq gaffa fil-fond 15/16, Triq il-Kbira, Hal Tarxien, ghal xi raguni jew ohra il-hajt tal-faccata ta' dan il-bini waqa u radam lil John Mary Azzopardi li kien qed jiknes quddiem il-faccata ta' dan l-istess bini. L-imputat Paul Bonavia f'dan il-hin kien fuq l-istess hajt li waqa, jitfa c-cnagen minn fuq l-imsemmi hajt gewwa l-bucket tal-gaffa li kienet gewwa r-residenza fuq imsemmija.

Illi f'dawn il-proceduri **xehdet l-Professoressa Marie Therese Camilleri** li kkonfermat li John Mary Azzopardi miet bhala rizultat ta' "*intra cranial haemorrhage and a fractured skull due to crush injuires*"

Illi fil-wiehed u ghoxrin ta' Jannar, 2000 **xehdet Maria Agius** li stqarret li hija tghix vicin l-fond li kien qed jigi mwaqqa u tul il-perjodu ta' madwar sena u nofs qabel l-incident hija kienet tnewwel il-kafe lil imputati waqt li kienu jkunu fuq l-lant tax-xoghol. Hija stqarret li kienet tara lil Paul Bonavia jerfa l-gebel fuq spalltu u lil Carmelo Scicluna jaghmel xi xoghol bil-gaffa.

Ikkonfermat li x-xoghol ta' hatt kien ilu ghaddej zmien twil. Il-girien kollha kienu jafu b'dan ix-xoghol li kien qed isir barra t-triq. Faccata ta' dan il-fond, ma kien hemm ebda barriera jew indikazzjoniijet li kien qed isir xoghol. Stqarret li l-post li kien qed jitwaqqa kien miftuh u ghalhekk in-nies li ghaddew minn hemm setghu jaraw x'tip ta' xoghol kien qed isir.

Tiftakar li c-cint li waqa ma kienx hajt izda cint ta' erbgha filati. Stqarret li John Mary Azzopardi kien johrog jiknes kuljum ghaliex t-trab kien jinkwetah.

**Joseph Sacco xehed** fit-tlettax ta' Settembru, 2001 fejn stqarr li l-imputati kienu qed jaghmlu xoghol fid-dar ta' Triq il-Kbira, Hal Tarxien billi jhottu l-gebel gebla gebla. Qal li x-xoghol kien kwazi tlesta peress li lejliet l-incident jaf li kien ghad baqa biss tlett filati jew erbgha sa hogor it-tieqa fil-faccata biex jitnehhew. Huwa qal li ghamel zmien jghinhom u l-procedura kienet li kienu jitfghu il-gebel fuq in-naha ta' gewwa u sussegwentement jigi merfugh bil-gaffa. Il-gaffa kienet fuq gewwa u kienet tohrog mhux mill-faccata imma mill-parti ta' wara. Waqt li kienu qed jghamlu dan ix-xoghol, John Mary

Azzopardi kien imur jiknes il-faccata. Qal li jiftakar lil imputat Paul Bonavia jkeccih 'l hemm u jghidlu biex ma jkomplix jiknes izda dan nonostante kien jibqa jiknes. Dan l-anzjan John Mary Azzopardi kien joqghod zewg bibien boghod mill-faccata tar-dar in kwistjoni fejn kien qed isir dan ix-xoghol.

L-**imputati wkoll xehdu a tempo vergine** tal-incident. **Paul Bonavia stqarr** li huwa kien jhott d-dar billi dahhal gaffa minn wara u cioe mill-fond 18, biex ma jostakolax t-triq. Huwa ghamel zewg knaten fit-triq mal-faccata tad-dar biex jindika lin-nies li kien qed isir x-xoghol fis-sit in kwistjoni. Dakinhar kienu qeghdin jhottu l-ahhar erbgha filati gebel, ghalkemm fuq wara tal-faccata kien ghad hemm xi materjal iehor x'jinhatt.

Huwa stqarr wkoll li John Mary Azzopardi kien mohhu biex jiknes u kull meta keccih 'l hemm kien jitlaq pero jirritorna wara ftit. Sa dakinhar stess kien ghamel l-istess u cioe li keccih minn quddiem id-dar izda dan nonostante, reggha mar. F'dak il-jum huwa kien bil-qeghda fuq c-cint, hass ic-cint jcedi, ra lil anzjan John Mary

Azzopardi bl-ixkupa, huwa qabez minn fuq ic-cint u l-hajt waqa fuq l-anzjan.  Fil-mument li ceda c-cint, l-gaffa kienet wieqfa.

**Carmelo Scicluna wkoll xehed a tempo** vergine tal-incident. Huwa wkoll kkonferma li fil-hin li waqa l-hajt, il-gaffa kienet lura. Huwa wkoll kien ra lil anzjan qabel l-incident bl-ixkupa f'idejh u kien keccih 'l hemm.  Qal li lil Paul Bonavia rah wkoll jwissih.

Illi xhieda okulari tal-incident ma hemmx salv ix-xhieda tal-imputati u ghalhekk fin-nuqqas ta' xhieda teknika kontradittorja ghax-xhieda taghhom, il-Qorti ghandha tistrieh fuqha, molto piu jekk tqis l-imgieba taghhom u tara li x-xhieda hija attendibbli u kredibbli fic-cirkostanzi.

Il-perit tekniku **Anthony Bailey kkonkluda** li fil-fehma tieghu il-koxxa tal-bieb kif wkoll parti mill-kantun tal-faccata li ngibed maghha, li radmu lil John Mary Azzopardi, sehh minhabba l-isforzi li ghamlet l-gaffa biex tidhol bil-borg materjal u timla l-bucket.  Illi l-perit legali **Dottor Yana Micallef Stafrace u l-espert tekniku Joseph Zammit** nominati fl-inkjesta, **kkonkludew** li fil-fehma

taghhom l-incident sehh peress li l-imputati ma kienux qed jahdmu bl-ingenji idoneji ghal dak t-tip ta' xoghol. Inoltre sostnew li l-imputati ma hadux prekawzjonijiet sabiex jgharrfu lin-nies bix-xoghol li kien qed isir.

Illi bir-rispett kollu il-Qorti ma taqbilx ma din il-konkluzzjoni raggunta minn dawn l-esperti u dan ghaliex fil-fehma taghha l-esperti ma irnexxilhomx jippruvaw li l-anzjan John Mary Azzopardi miet bhala rizultat ta' negligenza jew traskuragni da parti tal-imputati.

Jirrizulta mill-provi li l-imputati poggew zewg cnagen barra l-faccata tad-dar li kienet qed titwaqqa. Issa jekk in pessima ipotesi m'ghandnix nemmnu lil imputati li poggew dawn c-cnagen, xorta jirrizulta li l-anzjan tkecca kemm il-darba minn quddiem s-sit in kwistjoni. Jirrizulta mill-provi kemm minn dak li qalu l-imputati, kif wkoll minn dak li qalet il-gara Maria Agius, kif wkoll mir-ritratti esibiti li l-anzjan kien irid jiknes l-hin kollu tant li miet bl-ixkupa f'idejh. Ghalhekk kien hemm c-cnagen jew le, kienx hemm barriers jew le, kienux l-ekwati cirkondati b'xi tape jew le, ma jeffettwax il-presenza tal-anzjan mal-faccata tal-post. Ghaliex ghalkemm ix-

xoghol kien ilu ghaddej sena u nofs u essendo gara zgur li kien jaf bih dan nonostante xorta baqa jmur jiknes. Anke in pessima ipotezi jekk l-imputati ma keccewhx, il-boun sens jiddetta li stante li qed isir xoghol ta' gebel u hu ghandu l-eta ta' tlieta w sebghin sena, huwa kellu jzomm 'l boghod mill-faccata tas-sit in kwistjoni.

Il-Qorti ma hiex konvinta li c-cint ceda minhabba l-gaffa ghaliex kieku il-gaffa kienet qed timbotta l-hajt, kif donnu allega l-Ufficjal Prosekutur, l-imputat Paul Bonavia ma kienx joqghod proprju bil-qeghda fuq ic-cint u jiehu s-sogru hu. Iz-zewg imputati stqarrew li l-gaffa ma kienetx qed tigbor il-gebel meta ceda l-hajt u ghalhekk ic-cessjoni tal-hajt ma hux attribwit mat-thaddim tal-gaffa.

L-espert tekniku u l-espert legali osservaw li t-triq kellha tigi maghluqa. Kieku dan ix-xoghol kien daqstant perikoluz, il-Pulizija zgur kienet taghlaq t-triq u tevakwa lin-nies, molto piu meta tqis li x-xoghol kien ilu ghaddej sena u nofs. Mhux talli hekk, talli kif stqarret il-gara Maria Agius, ix-xoghol kien qed isir bil-galbu u l-gebel kien qed jitnehha bil-mod sular sular u hija kienet tiehu l-kafe lil imputati waqt l-hinjiet tax-xoghol taghhom.

Ma jirrizultax li b'xi mod l-anzjan miet bhala rizultat tat-traskuragni tal-imputati anzi semmai jirrizulta li l-istess anzjan qieghed lilu nnifsu f'posizzjoni ta' perikolu u li jigu ferut. Id-diligenza f'dan il-kaz kienet tispetta lil anzjan li jiehu dawk il-mezzi li huma addotati biex jevita l-incident milli jigri u cioe li jzomm 'l boghod mis-sit fejn kienu qed isiru x-xogholijiet in kwistjoni.

Il-Qorti hawnhekk ma hiex imsejjha bhal ma hu invece l-kaz, in sede civile f'materja ta' danni rizultanti mill-incident, li tiffissa r-responsabbilita ghal akkadut imma **biss** biex tara u tghid jekk il-Prosekuzzjoni iddizimpenjatx l-obbligu taghha li tipprova l-imputazzjoni.

Il-Qorti ma taqbilx ma dak li gie sottomess mill-Avukat tal-parte civile li qal li f'kaz li ma kienx hemm dan l-anzjan li nsista li jiknes, setgha kien hemm haddiehor. Dan ghaliex f'sede kriminali l-Qorti ma tistax ssib htija fuq l-imputati a bazi ta' kongetturi. F'dan il-kaz li jirrizulta hu li f'kaz li l-anzjan obda lil imputati u ma kienx

daqstant ossessjonat li jiknes u b'hekk kien jzomm boghod mill-lant tax-xoghol li fih tilef hajtu, tali incident ma kienx isehh.

**Il-Qorti ma thossx li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi u ghaldaqstant tiddikjara li ma ssibx lil imputati CARMELO SCICLUNA u PAUL BONAVIA hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom u tilliberhom minnhom.**

**In oltre, stante l-liberazzjoni taghhom, il-Qorti ma hiex ser tikkundannhom jhallsu l-ispejjes tal-esperti nominati fil-proceduri.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**